VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,854, 29 ta' Awwissu, 2017
Taqsima B

A.L. 213 tal-2017

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Regolamenti tal-2017 dwar il-Preżentata ta' Rikorsi permezz ta' Mezzi Elettroniċi fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza inferjuri tagħha

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 1009A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u dħul fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar il-Preżentata ta' Rikorsi permezz ta' Mezzi Elettroniċi fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza inferjuri tagħha.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju 2017.

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-espressjoni "permezz ta' mezzi elettroniċi" għandha tfisser *online*.

Kif jitħaddem il-mekkaniżmu elettroniku.

3. (1) Għandu jkun hemm mekkaniżmu elettroniku li permezz tiegħu rikorsi li bihom tinbeda proċedura kontenzjuza jkunu jistgħu jiġu ppreżentati *online* fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza inferjuri tagħha.

(2) Dawn ir-regolamenti japplikaw biss għar-rikorsi indikati fil-mekkaniżmu elettroniku msemmi fis-subregolament ta' hawn fuq.

(3) Kull avukat jew prokuratur legali li jkun jixtieq jippreżenta rikors, kif indikat f'dawn ir-regolamenti, fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza inferjuri tagħha b'mod *online* jista' jagħmel dan billi jippreżenta l-istess rikors *online* tramite s-sit appożitu u jħallas id-dritt preskritt mil-Liġi.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Responsabbiltà tar-Reġistratur u meta jitqiesu li ġew ippreżenatti l-atti *online*.

4. (1) Ir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali jew persuni minnu delegati jistgħu jirċievu r-rikorsi, kif indikati f'dawn ir-regolamenti, ppreżentati *online*.

(2) Ir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali għandu joħroġ kopja tar-rikorsi ppreżentati *online* u l-kopja hekk maħruġa mir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali għandha titqies għal finijiet u effetti kollha tal-liġi bħala l-oriġinali.

(3) Rikorsi ppreżentati *online* għandhom jitqiesu għal finijiet u effetti kollha tal-liġi daqslikieku ġew ippreżentati direttament fir-Reġistru tal-istess Qorti:

Kap. 12.

Iżda meta rikors jiġi ppreżentat *online* barra mill-ħinijiet tal-ftuħ tar-Reġistru stabbiliti skont il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, dak l-att għandu jitqies illi ġie ppreżentat l-ewwel ġurnata li jkun imiss tal-ftuħ tal-istess reġistru.